# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta’ nhar il-Hamis, 15 ta’ Marzu 2001

## Avviz numru : 1/2001GT(GM)

**Tarcisio Said**

**-vs-**

**Edwin Muscat**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab il-hlas minghand il-konvenut ta’ LM40 dovuti lilu ghal xoghol ta’ hrit illi huwa ghamel bit-*tractor* tieghu fuq inkariku tal-konvenut, bl-imghax, bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Dicembru 2000 kif ukoll l-ispejjez tal-istanti procedura.**

**Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fid-9 ta’ Frar 2001 izda la ppezenta risposta u l-anqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal fit-13 ta’ Marzu 2001 u tallum, il-15 ta’ Marzu 2001;**

**Sema’ d-depozizzjoni guramentata tal-attur fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2001 li permezz taghha ikkonferma l-veracita’ tal-kontenut tal-avviz tat-talba tieghu;**

**Ra l-artiklu 13 (b) tal-Att V tal-1995;**

**Jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM40 dovuti lilu ghal xoghol ta’ hrit illi huwa ghamel bit-*tractor* tieghu fuq inkariku tal-konvenut, bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Dicembru 2000.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**